Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 442/2008

**A B C**
**vs**
**D C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk :

1. Peress illi l-partijiet ikkontrattaw iz-zwieg fit-22 ta' Awwissu tas-sena elfejn u tlieta (2003) u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok. A;

2. Peress illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal;

3. Peress illi dan iz-zwieg gie celebrat fir-Registru b' rit civili biss stante li ma kienx hemm preparamenti ghat-tieg stante li l-konvenut kien hassar sitt darbiet u meta xahar

qabel iz-zwieg qal lill-attrici biex tizzewgu qallha li jrid jizzewwigha bil-kundizzjoni li jizzewgu xahar iehor f' Awwissu minhabba li dak iz-zmien ikun bix-shut down.

4. Peress illi l-partijiet jinsabu appik sabiex jisseparaw bonarjament, u matul il-hames snin zwieg huma qatt ma ppruvaw ikollhom it-tfal u dana stante li la l-attrici u lanqas il-konvenut ma riedu li jkollhom tfal;

5. Peress illi l-partijiet kienu mifrudin ghal zmien sa zmien tlett xhur qabel ma izzewgu u ghalhekk l-preparamenti tat-tieg saru ta' malajr u difatti huma ghamlu tlett snin jghixu ma' omm l-attrici stante li ma kellhom xejn ippreparat;

6. Peress li matul iz-zwieg l-attrici rat b' ghajnejha lill-konvenut zewgha jitbewwes ma' habib tieghu fuq xoftejh hija hasbet hazin u mentri l-ewwel darba hija ma tatx kaz meta l-istorja regghet irrepetiet ruhha u kkonfrontat lill-konvenut meta qaltlu "lili qatt ma tigi tbusni bhal Desmond?", l-istess konvenut rrisponda "ha nbus lilek?" u hija rrispondietu "jiena martek".

7. Peress li ma kienx hemm relazzjoni intima bejn il-partijiet tant li anke meta l-attrici kienet tbur biex tmus lill-konvenut huwa ma kien ghamel ebda tentattiv biex ibusha bhal ma jitbewsu normalment koppja fiz-zwieg tant li l-konvenut meta kien ibus lil habib tieghu Desmond kien idur lejha u jghidilha "hekk tridni nbusek?" u dan ghaliex lil dan Desmond kien ibusu fuq ix-xoffa kif suppost u mhux cass bhal statwa meta l-attrici kienet tmur biex tbus lilu.

8. Peress li dan gara wara li l-partijiet izzewgu u qatt ma graw qabel jew kienet taf bihom qabel.

9. Peress li l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga jew stante li kien hemm anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibli ghall-partijiet li jwettqu l-obbligi essenzjali taz-zwieg;

10. Peress li l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

11. Peress l-kunsens tar-rikorrenti inkiseb b' qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Tghid ghalhekk l-istess intimata ghar-ragunijiet premessi ghaliex m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni:

Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-22 ta' Awwissu 2003 huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimata ingunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut rrisponda li, filwaqt li huwa jaqbel mal-pretensjoni attrici li z-zwieg huwa null, jsostni li dan huwa dovut ghal *capita nullitatis*, kontemplati fl-artikoli [d][f] u [h] ta' l-artikolu 19[1] tal-Ligjiet ta' Malta, ezistenti fil-konfront taz-zewg partijiet ; u li t-tnejn kemm huma ma riedux tfal. Huwa jghid ukoll li "m' huwiex assolutament minnu .. li hu kellu relazzjoni ma' ragel iehor."

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha mal-konvenut, kuntrattat fit-22 ta' Awissu 2003 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali taghha kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [c], u dak tal-partijiet,

kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Minn naha tieghu l-konvenut jaqbel li z-zwieg huwa null, ghalkemm jichad certu fatti allegati mill-attrici fil-konfront tieghu.

**Il-Fatti**

Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu; u mill-provi jiddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti sodisfacentement provati.

Il-partijiet izzewgu civilment fit-22 ta' Awissu 2003 meta allura l-attrici kellha 21 sena u l-konvenut kellu 27 sena, u wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin circa hames snin. Wara konvivenza ta' circa hames snin il-partijiet isseparaw de facto. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

L-attrici tispjega li, qabel iz-zwieg, il-konvenut kien hassar ir-relazzjoni sitt darbiet. L-ahhar darba kienet tlett xhur qabel id-data taz-zwieg. Wara dawn it-tlett xhur, huwa kien baghat messaggi lill-attrici biex jergghu jirrangaw, u f' Gunju tas-sena 2003 qallha li ried jizzewweg f' Awissu ta' l-istess sena, peress li f' dak ix-xahar huwa kien ikun bix-shutdown. Kien qallha li l-ewwel jizzewgu civilment, imbaghad jizzewgu bil-knisja aktar il-quddiem wara li jkunu ghamlu l-preparamenti; izda ghalkemm "dejjem jghidli, imma nizzewgu wara bil-knisja, jweghdini, jweghdini, imma dik il-weghda qatt [ma zammha]."[1]

Illi l-ilment principali ta' l-attrici fil-konfront tal-konvenut, kemm bhala gharus kif ukoll bhala zewgha, huwa li dana dejjem kien insensittiv ghal bzonnijiet taghha, kemm fizici, u izjed u izjed dawk sentimentali. Mill-imgieba tieghu lejha kien jidher li huwa kien jistmaha bhala seftura li tehodlu hsieb id-dar u l-bzonnijiet tieghu, filwaqt li ma kienx jimpurtah mill-bzonnijiet taghha. Dan kien jispikka l-izjed fir-relazzjonijiet intimi ta' bejniethom, fejn il-konvenut kien izjed mohhu biex jinqeda hu, bir-rizultat li bejniethom "ma

[1] Fol.33

kienx hemm dik ic-certu intimita'"[2], kif ukoll fir-riluttanza tieghu li jaghmel l-att taz-zwieg shih bil-ghan li jkollhom it-tfal.

Minn naha tieghu l-konvenut isostni li inizjalment ir-relazzjonijiet intimi bejniethom kienu normali u li l-att taz-zwieg kien isir shih, okkazjonalment miftuh ghat-tfal, izda spiss bi prekawzzjoni da parti tieghu. Jammetti li martu kienet tilmenta mieghu li hi ma kinitx is-seftura tieghu, imma kienet martu, u li kienet issemilu t-tfal.

Jghid li l-attrici minn dejjem kienet bierda fil-konfront tieghu, bir-rizultat li qabel iz-zwieg hassru kemm-il darba. Minn naha taghha, anke matul il-konfront, l-attrici baqghet issostni li kien il-konvenut li kien riluttanti biex jghamel l-att taz-zwieg, u tghid li "biex jigu t-tfal trid taghmilhom, [u] biex taghmilhom trid taghmel kollox"[3] Tirribadixxi li l-attivita' sesswali kienet tispicca tkun limitata ghal wahda orali.

Jghid li sussegwentement dahlet il-bruda bejn il-partijiet, u dan miz-zewg nahat, u din kienet ir-raguni li ghaliha huwa kien eventwalment eskluda li fiz-zwieg ikollhom t-tfal.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-provi prodotti, u mismugha, il-Qorti hija tal-fehema li, fir-rigward tal-fatti premessi, ghandha taghti affidament lill-verzjoni tal-fatti moghtija mill-attrici. Jirrizulta car li l-komportament tal-konvenut kemm qabel, kif ukoll wara z-zwieg, juri li, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali tieghu, huwa kien affett minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq id-drittijiet u dmirijiet tal-hajja konjugali, u senjatament l-obbligi naxxenti minn unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Jirrizulta li l-komportment tieghu kien ta' ostakolu serju sabiex tigi stabbilita bejniethom fiz-zwieg 'a community of life and love'.

[2] Fol.26
[3] Dep. konvenut 26 ta' Mejju 2009

Mill-banda l-ohra, il-Qorti ma tistax ma tosservax li l-istess attrici messha ndunat li z-zwieg taghha ma kienx ser jirnexxi, tenut kont ta’ l-imgieba tal-konvenut waqt l-gherusija. Hija pero’ tghid li kienet accettat li tizzewweg lill-konvenut peress li kienet thobbu, u bl-isperanza li l-affarijiet jirrangaw ruhhom; u b’ hekk, nonostante kollox, hija ghaddset rasha u accettat li tizzewweg lill-konvenut daqshekk malajr meta lanqas kienu ghadhom saru l-preparamenti. Ghalhekk il-Qorti thoss li ghandha tbati parti mill-ispejjez tal-kawza.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt, skond l-artikolu 191[1][d] tal-Kap.255, u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-22 ta’ Awissu 2003.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati miz-zewg partijiet konguntivament fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------